MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 787/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Attard Marquita**
**I.D. 207980 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Ewro u sitta u disghin centezmu (€1,819.96), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *51049446* moghti mis-socjeta' attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u dan minkejja l-fatt illi inghatat il-fakolta' li tipprezenta tali risposta wara li kien skada t-terminu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Ewro u sitta u disghin centezmu (€1,819.96), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------